BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 08/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 14 ta' Lulju 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri -** *(Aġenda 7)*<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzata** | **Mrs Sarah Cuschieri -** *(Aġenda 1 - Aġenda 6)* |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Borg ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/07 -* B.Pace ressqet lista ta' prezzijiet ta' kotba ta' ħanut li wasal sabiex jagħlaq. Il-Kamra qablet li bħal snin preċedenti għandu jingħata sett ta' kotba lil-Librerija f'Jum Birżebbuġa u għaldaqstant iddeċidiet li jintgħażlu kotba minn din il-lista.

## ***AĠENDA -3***

Is-Sindku informa l-Kamra fuq is-suġġerimenti li l-Kunsill għamel lill-MEPA fir-rigward ta' PA 02071/10 - Art proposta għall-ħażna taż-żejt li tinkludi l-*pipeline, trestles* u *jetties* - Sit fi Triq Kalafrana, Birżebbuġa. Is-suġġerimenti prinċipali li għamel il-Kunsill f'dan ir-rigward huma :

- li t-traffiku kollu relatat ma' dan il-proġett jgħaddi minn Ħal Far.
- li l-art fejn ġejjin it-tankijiet titħaffer daqs l-inqas naħa sabiex jitnaqqas konsiderevolment l-impatt viżiv negattiv.
- li l-ħażna taż-żejt tat-31st March Depot jiġi trasferit għal dan is-sit sabiex jitneħħa mill-qalba tal-lokal.

- li l-lokal ikollu kumpens xieraq ta' kull inkonvenjent li proġett bħal dan joħloq.

Is-Sindku informa l-Kamra wkoll li nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu 2010 flimkien ma' delegazzjoni tal-Kunsill ser ikollu laqgħa mal-Onor. Chris Said sabiex jiddiskuti dan il-proġett.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Is-Sindku informa l-Kamra fir-rigward tal-Appell li l-Birżebbuġa Environment Action Group b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, ser jagħmel fir-rigward ta' PA 4819/07. Dan l-Appell ser jiġi ppreżentat mill-Perit Carmel Cacopardo, il-Ħamis, 15 ta' Lulju u l-Kunsill ser iħallas €150 li hu l-kontribut tiegħu għal dan l-Appell. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju jattendu għall-Konferenza Stampa fis-Sala tal-Kunsill f'nofsinhar.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

- Kwotazzjoni Nru. 06/10 - Provista ta' Karru

  1. Ta' Kandja Commercials Ltd. - €1374.33
  2. James Aloisio - €1118.00

  Il-Kamra qablet li jintgħażel Kuntrattur Nru. 2 - James Aloisio, għas-somma ta' €1118.00 peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* għax-xahar ta' Lulju 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €62993.95 titħallas skond Skeda Nru. 07/10.

***<u>AĠENDA -7</u>***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

   - l-applikazzjoni tal-Kunsill għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar ma ġietx aċċettata.

   - l-Kunsill kellu laqgħa mas-Sur Joseph Borg ta' Sterling Security fejn ġew diskussi l-problemi li l-Kunsill qed jiltaqa' magħhom fir-rigward tal-gwardjani lokali . Wara diskussjoni l-Kamra qablet li sabiex nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti għandna nnaqqsu s-sigħat ta' ħidma tal-gwardjani lokali u nintroduċu sigħat ta' *green wardens* sabiex nippruvaw nikkontrollaw l-abbużi ta' min iħammeġ.

   - fit-22 ta' Lulju 2010 l-Enemalta ser tinstalla fl-uffiċċju tal-Kunsill żewġ kompjuters għal monitoraġġ tat-tniġġis tal-arja.

   - l-Greenpak f'isem il-Kunsill Lokali ser tniedi programm ta' tagħlim bieb, bieb fl-*area* Tal-Papa.

   - l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq Rikonċiljazzjoni tal-*Fixed Asset Register*; Servizz għal Ħasil ta' Toroq; Provista ta' Żebgħa għat-Toroq; Provista ta' Żebgħa.

   - l-proġett tal-Kunsill taħt il-programm EAFRD Measure 323 ġie aċċettat u ser jingħata fondi mill-EU filwaqt li Measure 313 għalkemm ġab il-punti meħtieġa, minħabba limiti ta' fondi ser jinżamm fuq *waiting list* u jekk jerġgħu jinħarġu fondi taħt din il-miżura jiġi kkunsidrat.

2. R.Zahra rrimarka li hemm bżonn il-*patching* fi Triq Tal-Ġebel.

3. J.Baldacchino rrimarka li hemm bżonn li fil-Qajjenza jinħoloq Kumitat minn fost ir-residenti sabiex iwasslu suġġerimenti lill-Kunsill. Għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lir-residenti tal-Qajjenza sabiex nippruvaw nilħqu dan il-għan.

4. B.Pace infurmat lill-Kamra li s-Sindku ta' Porto San Giorgio ser jiġi Malta bejn it-22 u 29 ta' Awwissu u li jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill.

5. Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' Jum l-Omm li saret nhar is-7 ta' Mejju 2010 fejn kien hemm dħul ta' €1744 u spejjeż ta' €2593.68. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tapprova dan ir-rapport.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-7.45pm. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Awwissu 2010 fis-2.00pm.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

***Schedule of Payments 07/10***

***Period 01/07/2010 till 31/07/2010***

| Cheque | To | For | Amount Euro | |
|---|---|---|---|---|
| 8005 | J.Brincat | Newspapers May 10 | € | 48.27 |
| 8010 | James Aloisio | Removal of Iron rods | € | 95.00 |
| 8011 | Tino 2000 | Office Supplies | € | 15.97 |
| 8012 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | € | 44.00 |
| 8013 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | € | 45.00 |
| 8014 | MG Pulis | Maintenance & parts | € | 50.66 |
| 8015 | Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | € | 530.73 |
| 8016 | Water Services Corporation | Water & Electricity Bill | € | 1,108.08 |
| 8007 | Enemalta | Yearly Fee | € | 232.94 |
| 8018 | Sound Vision Print Ltd. | Advert | € | 70.42 |
| 8019 | Allied Newspapers | Advert | € | 86.14 |
| 8020 | Supreme Travel Ltd. | Transport | € | 343.68 |
| 8021 | WasteServ Malta Ltd. | Tipping Fees May 10 | € | 4,069.01 |
| 8022 | Golden Gate | Stationery | € | 137.61 |
| 8023 | Nexos Street Lighting | Lighting Repairs | € | 1,381.80 |
| 8024 | Joe Demicoli | Mothers Day Activity | € | 130.00 |
| 8025 | JM Installations | Lighting Repairs | € | 507.30 |
| 8026 | Smart Office | Stationery | € | 125.83 |
| 8027 | Erremme Business Advisors | Accountancy Services | € | 350.00 |
| 8028 | Alfred Schembri & Sons | Supplies | € | 344.56 |
| 8029 | Kim Muscat | Roundabout Report and supervision directed by the Superintenndence of Culturla Heritage | € | 259.60 |
| 8030 | Joe Bonnici & Sons | Mobile Toilets | € | 83.19 |
| 8031 | Media Link Comunications | Advert | € | 54.75 |
| 7850 | Portughes Dry Cleaners | Dry Cleaning | € | 140.00 |
| 8033 | Pauline Ellul | Office Cleaning | € | 76.00 |
| 7987 | Dipartiment ghall-Gvern Lokali | Advert | € | 27.50 |
| 7996 -8001 | Salaries June 10 | Salaries and Wages June 2010 | € | 5,039.10 |
| 7954 | Sterling Security | Warden Service - Triq San Gorg | € | 427.67 |
| 7989 | Joseph Farrugia | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7990 | Joseph Baldacchino | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7991 | Anthony Roberts | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7992 | Jesmond Borg | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7993 | Bernardette Pace | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7994 | Rocco Zahra | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 7995 | Sarah Cuschieri | Half Yearly Allowance | € | 600.00 |
| 8002 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE June 10 | € | 1,682.46 |
| 8003 | MEPA | Two Application Fees | € | 70.00 |
| 8034 | ELC | Upkeep Public Gardens June 10 | € | 1,147.92 |
| 8035 | New Era Waste Services | Street Sweeping June 10 | € | 1,939.58 |
| 8009 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience June 10 | € | 1,017.29 |
| 8004 | RVS Ltd. | Refuse Collection June 10 | € | 8,008.00 |
| 8043 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep of Public Places June 10 | € | 332.92 |
| 8038 | Alfred Schembri & Sons | P/O Triq ix-Xoghol | € | 28,420.97 |
| 8043 | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse June 10 | € | 285.00 |
| 8043 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work | € | 65.00 |
| | | **Total Paid** | **€** | **62,993.95** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**